**Kunsill Lokali Gżira**
283/1 Triq D'Argens, Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616

Ref Nru: Klg5/A31-09

23 ta' Ġunju 2009

**Avviż tal-Laqgħa Nru K5/31**

Ser issir laqgħa tal-Kunsill, nhar **il-Ħamis 25 ta' Ġunju 2009, fil-5.30 p.m.** fl-uffiċċju tiegħu, 283/1 Triq D'Argens, Gzira.

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Materji Konnessi
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni ta' *Request Sheets*
5. Approvazzjoni ta' *Tender Document for Patching & Kerb reinstatement*
6. Diskussjoni dwar Memo 37/2009 – Garanzija bankarja fuq xogħlijiet ta' żvilupp
7. Ħatra ta' Kumitat li għandu jesplora l-aħjar użu tal-faċilitajiet skolastiċi
8. Affarijiet Oħra
9. Laqgħa Oħra

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skond il-líġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

Dott. Chris Bonett B.A. LL.D
Sindku

Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M.
Segretarju Eżekuttiv

# Kunsill Lokali Gżira

28 ta' Lulju 2009

Ref Nru.Klg5/031

Minuti tal-laqgħa Nru.Klg5/31 li saret il-Ħamis 25 ta' Ġunju 2009.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu 283/1 Triq D'Argens Gżira fil-5.30 p.m.

Preżenti

Ħames membri li kienu s-Sindku Chris Bonett, il-Viċi-Sindku Dunstan Attard, il-Kunsillieri Joe Camilleri, Malcolm Camilleri u Victor Rutter flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Rowena M. Borg u d-D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco.

**Skużati**

Il-Kunsillieri Anthony Abela minħabba li kien indispost u Ian Micallef minħabba li kien imsiefer.

***Chairman***

Is-Sindku Chris Bonett ppreseda l-laqgħa

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fit-23 ta' Ġunju 2009

**1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

**1.1.** Il-minuti tal-laqgħa li saret il-Ħamis 28 ta' Mejju 2009, ttieħdu bħala moqrija u ċ-*Chairman* stieden lill-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

**l.2. Paġna Nru: 4 – para 4. 3** wara l-kliem *emergency patching* il-frażi trid titkompla 'fis-sens li jrid ikun hemm aktar superviżjoni kontinwa tal-Perit biex jiġu evitat li jkun hemm *cost overruns*.

**1.3** Din l-emenda tressqet mill-Viċi-Sindku u ġiet ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri.

Wara diskussjoni qasira, l-minuti kif emendati, ġew approvati unanimament mill-Kunsill, b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri.

## 2. Materji Konnessi

**2.1. Paġna 2 para 2.1. –** Il-Kunsillier Joe Camilleri qal, li l-Latrina Pubblika kienet infetħet għall-Pubbliku.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-ħin tal-ftuħ żdied sa nofs il-lejl u l-kuntrattur informa li ser ikun hemm *latrine attendant on/off*.

**2.2.** Il-Kunsill ġie nfurmat li l-*Accountant* ġie notifikat u kien iltaqa' mas-Sur Mario Magro Conti u li l-*year end* kienet ser tiġi preparata mis-Sur Antoine Portelli.

**2.2. Paġna 3 para 2.2. – *Activities Centre* –** Il-Viċi-Sindku qal, li l-lezzjonijiet kemm ta' l-Ingliż kif ukoll, tat-Taljan kienu bdew u l-konkorenza kienet tajba.

Il-Kunsill ġie nfurmat permezz ta' *e-mail* mibgħuta mis-Sur Mario Azzopardi mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni li l-lezzjonijiet tal-Malti u l-Ingliż kienu mingħajr ħlas filwaqt li għas-suġġetti l-oħra, jitħallas l-ammont ta' €34.94 għal kull parteċipant taħt il-wieħed u sittin sena għall-perjodu ta' tnejn u tletin ġimgħa u €18.63 għall-perjodu ta' erbatax –il ġimgħa. Il-klassijiet iridu jkunu ta' madwar għaxar studenti u l-lezzjonijiet jibdew minn Ottubru 2009 sa Mejju 2010. Persuni li għandhom 'l fuq minn wieħed u sittin sena ma jħallsu xejn għal suġġett wieħed biss.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament li nwieġbu lid-Dipartiment sabiex ninfurmaw li filwaqt li l-Kunsill jixtieq li l-korsijiet kollha jibdew fis-Sajf, ikun infurmat dwar l-Għalliema għas-suġġetti tal-Malti, Franċiż u Spanjol kif ukoll, li ser isir il-ħlas hawn fuq imsemmi għal kull persuna taħt is-sittin sena li kienet qed tattendi għall-lezzjonijiet tat-Taljan liema lezzjonijiet iridu jiġu estiżi għal tlett siegħat fil-ġimgħa minħabba li preżentament qed tingħata siegħa waħda biss ta' tagħlim. Din il-kjarifika trid tapplika wkoll, għat-tagħlim fl-Ingliż.

Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku.

**2.4. Paġna 3 para 2.3.** Il-Kunsill ġie nfurmat li ż-żewġ tipi t'apparat dwar *outside fitness equipment* għalll-ammont ta' €4,500. kienu ordnati u jaslu fi żmien erba sa sitt ġimgħat. Il-Kunsillier Joe Camilleri qal, li għandna nitolbu kopja ta' l-*installation specifications* sabiex tkun tista' ssir il-bażi waqt ix-xogħlijiet infrastrutturali li qed isiru.

**2.5. Paġna 5 para 7.1.** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsillieri kollha kienu ssottomettew il-lista ta' preferenzi ta' toroq li jridu jiġu *re-surfaced* jew parti minnhom kif kien ġie deċiż fil-laqgħa preċedenti.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku, li jinħatar Kumitat *ad hoc* bis-Sindku bħala *Chairman* u fin-nuqqas tiegħu l-Viċi-Sindku u Kunsillier minn kull naħa u flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, il-Perit u l-*Accountant,* jiġi allokat *budget* li jkun jinkludi 15% *contingency variation*.

**2.6. Paġna 8 para 3.8. i – Triq Cameron -** Id-ditta *Road Maintenance Services Ltd* ġiet irrakkomandata sabiex tagħmel ix-xogħol fit-triq hawn fuq imsemmija liema xogħol, kellu jibda l-Ġimgħa 26 ta' Ġunju 2009.

**2.7. Paġna 8 para 3.8. ii – Triq Carlo Manche (quddiem 118) –** rigward din il-materja, l-Perit kien qed jissuġġerixxi li minħabba l-fatt, li f'din il-parti tat-triq joqgħod l-ilma, fl-opinjoni tiegħu għandha ssir jew *patch* ta' 80 metri kwadri jew ssir *trench,* iżda miż-żewġ optzjonijiet, il-Perit jirrakkomanda l-aħħar alternattiva. Il-Kunsill qabel unanimament mar-rakkomandazzjoni tal-Perit u żied li l-stess parir tekniku ntalab fir-rispett ta' *Seahorse Apartments* fi Triq Luqa Briffa.

**2.8. Paġna 8 para 3.8. iii – Triq ix-Xatt –** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet, li kienet kelmet lis-Sur Manwel Briffa, rappreżentant tal-Korporazzjoni Enemalta li kien ser jieħu l-azzjoni neċessarja.

**2.9.** *Patching* fi Triq Maria Tereza Spinelli – Il-Kunsillier Anthony Abela ta' rendikont dwar is-suġġett hawn fuq imsemmi (ara *Appendix* Nru: 1) fejn fost affarijiet oħra qal, li l-Ġimgħa 12 ta' Ġunju 2009, kien iltaqa' mas-Sur J. Gregoraċi u mas-Sur Mario Hayden li jirrppreżentaw lill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-ilma u s-Sur George Cardona li jirrappreżenta lill-uffiċċju tal-Perit, li fl-opinjoni tagħhom xi ilma kien qed jnixxi minn x'imkien pero' bil-mod ħafna. Is-Sur George Cardona kien ha xi *samples* biex jiġu analiżati. Huwa kompla jgħid, li l-Kunsill kien għadu qed jistenna risposta mill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-ilma.

**2.10.** Iċ-*Chairman* ta rendikont tas-seduta ta' Bord ta' Appell dwar it-*tender* tal-*platform lift* tad-ditta Elmein li saret it-Tlieta 23 ta' Ġunju 2009, li kellu flimkien ma' l-Avukat tal-Kunsill Dott. Edward Woods fl-Uffiċċju ta' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn fost affarijiet oħra qal, li d-ditta hawn fuq imsemmija qalet li t-*tender* ma kienitx korretta minħabba l-fatt, li skont ir-regolamenti ta' l-Unjoni Ewropea, l-miżuri riedu jkunu 1050 x 1350 u mhux 1050 x 1250mm kif kien hemm imnizzel fit-*tender*. Madanakollu, waqt l-istess seduta, l-Kunsill ġie mitlub jippreżenta dokument minn organu uffiċjali li jirrikonoxxi li dan il-*lift* hu konformi mar-rekwiżiti *access for all*.

Iċ-*Chairman* kompla jgħid, li hu nforma li dan il-*platform lift* ġie ċertifikat mill-Perit Joseph Spiteri għan-nom tal-Kummissjoni Persuni b'Diżabbilita' u l-għada tas-seduta, ssottometta kopja ta' l-*accessibbility audit* kif mitlub.

Iċ-*Chairman* kkonkluda billi qal, li l-iskop tal-Bord hu li jivverifika jekk it-*tendering process* użat mill-Kunsill kienx legali jew le u mill-indikazzjonijiet li ħarġu waqt l-istess seduta, jidher li l-Kunsill mexa kif mitlub mill-Liġi iżda d-deċiżjoni kienet għada ma ġietx kommunikata mill-istess Bord.

## 3. Korrispondenza

**3.1.** Ġiet ppreżentata l-korrispondenza li kienet waslet sal-25 ta' Ġunju 2009 kif ukoll, ingħatat l-informazzjoni ta' laqgħat u stedin li l-Kunsill għandu ffissati għall-ġranet li ġejjin.

**3.2.** Inqraw l-ittri li rċevejna u dawk li ntbagħtu fosthom,

**3.3.** Inqrat *e-mail* mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar laqgħa li għandha ssir it-Tnejn 27 ta' Lulju 2009 fl-16.00 p.m. fl-Uffiċċju tas-Segretarju Parlamentari fil-Berġa ta' Kastilja. Għal din il-laqgħa huma mistiedna s-Sindku, l-Viċi-Sindku u l-Kunsillieri u s-Segretarju Eżekuttiv.

F'din il-laqgħa ser jiġu diskussi s-segwenti:

a l-implimentazzjoni tat-tiġdid tal-Kunsilli Lokali

b kif qed jitħaddmu l-iskemi ta' fondi speċjali

c inizjattivi u proġetti maħsuba mill-Kunsill Lokali tiegħek

d affarijiet oħra li jixtieq iressaq il-Kunsill

Il-Kunsillieri kellhom jikkonfermaw l-attendenza.

**3.4.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri li jitħallsu l-kontijiet dwar il-*mobile toilets* li kien hemm wara l-latrina pubblika dovuti lid-ditta *Greenlines* kif ukoll, jinħarġu kwotazzjonijiet ġodda għal żewġ *mobile toilets* biex jitpoġġew fix-Xatt minn nofs Ġunju sa l-aħħar ta' Settembru 2009.

**3.5.** Tressqet kwotazzjoni mibgħuta mid-ditta *UniKing International* dwar *rubber speed moderators* minħabba l-fatt, li meta sar xogħol ta' *patching* fi Triq Reggie Miller, dik eżistenti kellha tinqala'.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Victor Rutter, li l-Kunsillier Joe Camilleri kellu jmur *on site* biex jiġi deċiż il-post eżatt fejn din għandha tiġi nstallata u eventwalment tinxtara *rubber speed moderator* għall-prezz ta' €514.09 V.A.T. inkluża. Minħabba li din it-triq hi traffikuża ħafna, jkun jeħtieġ Gwardjan Lokali li l-ispejjeż tiegħu m'humiex inkluż fil-prezz hawn fuq imsemmi u għalhekk il-ħlas irid isir mill-Kunsill Lokali.

**3.6.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Malcolm Camilleri li jitħallsu l-ispejjeż ta' *soft drinks* għall-attivita' li l-Kappillan kien ser jagħmel fl-okkażjoni tal-festa għall-Anzjani tal-Parroċċa.

**3.7.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Victor Rutter li tingħata s-somma ta' €350.00 bħala parti mill-ispejjeż għall-attivita' – Lejla Gżirjana li kienet ser tiġi organizzata mill-Għaqda Mużikali Mount Carmel Gżira, l-Ħadd 28 ta' Ġunju 2009, fil-Ġnien ħdejn il-jottijiet.

**3.8.** Inqrat ittra mibgħuta mid-ditta *JP Advertising Ltd* sabiex jitwaħħal *billboard* b'xi reklam fuq il-ħajt tal-Latrina Pubblika u kienu qed jipproponu ħlas ta' €160.fix-xahar.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill iddeċieda li filwaqt li jaqbel fil-prinċipju ma' din il-proposta, għandu javalwa l-*options* kollha biex jisfrutta mill-aħjar li jista' dan is-sit, jiġi vverifikat jekk hemmx bżonn l-approvazzjoni tal-MEPA, jirriferi għall-*Byelaws* ta' dan il-Kunsill u li nżommu lid-ditta hawn fuq imsemmija bl-eżitu tad-deċiżjonijiet meħuda.

**3.9.** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li kopja tal-korrispondenza kienet disponibbli.

## 4. Approvazzjoni ta' *Request Sheets*

**4.1.** Tressqu r-*Request Sheets* minn Nru. 1222 sa Nru. 1267 (ara *Appendix* Nru.2) għall-approvazzjoni tal-Kunsill biex b'hekk ikun jista' jsir il-ħlas tal-kontijiet pendenti jew jiġu riżervati ammonti ta' flus mill-*budget*.

**4.2.** Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-approvazzjoni wkoll, l-ammont ta'

- €223.60 – Librara Nathalie Camilleri ħlas għax-xhur ta' Mejju u Ġunju 2009.

**4.3.** Wara diskussjoni qasira, r-*Request Sheets* minn Nru: 1222 sa Nru: 1267 inkluż il-ħlas imsemmi f'paragrafu **4.2.** ġew approvati unanimament mill-Kunsill b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri.

## 5. Approvazzjoni ta' *Tender Document for Patching & Kerb reinstatement*

**5.1.** Rigward is-suġġett hawn fuq sopraċitat, iċ-*Chairman* qal, li kien ġie diskuss it-*tender* il-ġdid li kien ħejja l-Perit fejn wara li ġew identifikati l-problemi fil-kuntratt preċedenti saru l-emendi neċessarji. Huwa kompla jgħid li sabiex jistgħu jsiru dawn ix-xogħlijiet, ġew maqsuma skont id-dimenzjoni tagħhom fis-sens, li l-kuntratt msejjaħ *Operator A* hu mmirat għal xogħlijiet żgħar ta' mhux aktar minn tlett metri kwadrati filwaqt, li abażi ta' l-informazzjoni u l-laqgħat ppjanati li jsiru f'para 2.5, ikun jista' jiġi mħejji dokument għall-Sejħa ta' l-Offerti msejjħa *Operator B*.

Intant, il-Perit ntalab jibda jħejji *spreadsheet* bl-ilmenti u *site visits* sakemm jiġi eżawrit it-*tendering process* ta' Operator A u jiġi appuntat kuntrattur liema, *data* għandha anke tkompli wara li jibda x-xogħol.
Għaldaqstant, kien qed iressaq dan id-dokument għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman,* ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri li dan it-*tender* jiġi ppubblikat skont il-proċedura jiġifieri fil-gazzetta tal-Gvern u fil-ġurnali lokali ta' kuljum, l-ġurnal Kullħadd u l-ħlas ikun ta' €70 għal kull dokument.

**6. Diskussjoni dwar Memo 37/2009 – Garanzija Bankarja fuq xogħlijiet ta' żvilupp**

**6.1.** Inqrat il-*Memo* hawn fuq msemmija dwar Avviż Legali 295/2007 li jipprovdi regolamenti dwar l-Immaniġġar Ambjentali tas-Siti tal-Kostruzzjoni fejn fost affarijiet oħra jgħid li meta s-sid japplika mal-M.E.P.A. għall-permess ta' żvilupp, dan għandu jagħmel garanzija bankarja favur l-istess M.E.P.A. L-ammont ta' din il-garanzija huwa stabbilit minn dawn l-istess regolamenti u ssir sabiex jiġi aċċertat illi, wara li jkun sar ix-xogħol, it-triq fejn ikun sar l-iżvilupp, tiġi restawrata kif suppost. Din il-garanzija tibqa' fis-seħħ sakemm is-sid jkun temm ix-xogħlijiet ta' restawr tat-triq. Il-M.E.P.A. titlob il-veduti tal-Kunsill ikkonċernat u jekk il-Kunsill ikun sodisfatt illi x-xogħol ta' restawr sar b'mod sodisfaċenti, l-garanzija tiġi rilaxxata.

Din il-proċedura għandha tiġi esegwita u għaldaqstant, fl-ebda ħin, m'għandu xi Kunsill jitlob garanzija bankarja addizzjonali lil xi sid għal xogħol ta' kostruzzjoni.

Matul id-diskussjoni li saret fejn fost affarijiet oħra, ċ-*Chairman* qal, li kien kellem kemm lill-President ta' l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali kif ukoll, lid-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali jekk il-garanzija tkunx tista' tiġi rilaxxata mill-M.E.P.A. bil-firma u t-timbru tal-Kunsill ikkonċernat, id-Direttur tad-Dipartiment hawn fuq imsemmi nforma lis-Sindku li fl-ebda ħin il-Kunsill ma jista' jitlob garanzija bankarja għall-istess ħaġa lit kun tablet il-MEPA u li l-Kunsill ma jistax iżomm permessi jekk l-applikant ma jipprovdix garanzija bankarja mitluba mill-Kunsill għall-ħsarat fuq il-bankina u t-triq.

Is-Segretarju Eżekuttiv tat rendikont ta' l-*e-mails* li ntbagħtu u t-telefonati li saru dwar din il-materja fejn fost l-informazzjoni li qed tintalab il-Kunsill jixtieq ikun infurmat min ikun responsabbli jekk persuna tweġġa' jew isiru ħsarat fuq bankina jew triq fejn ikun qed isir l-iżvilupp, x'interim measures ser jiġu applikati minn meta jibda x-xogħol sakemm jispiċċa u għal liema metraġġ tintalab il-garanzija bankarja.

Iċ-*Chairman* qal, li l-Kunsill m'għandux alternattiva oħra ħlief li jwaqqaf din il-proċedura u jirrilaxxa dawk eżistenti minħabba l-fatt, li formalment il-Kunsill qed jiġi notifikat li dan hu llegali u fl-eventwalita li l-Kunsill ikompli b'dan l-aġir hu bħala Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv ikunu personalment responsabbli.

Għalhekk, ġie deċiż unanimament li l-Kunsill jirrilaxxa l-garanziji bankarji kollha.

Il-Kunsillier Malcolm Camilleri telaq minħabba mpenn ieħor.

## 7. Ħatra ta' Kumitat li għandu jesplora l-aħjar użu tal-faċilitajiet skolastiċi

**7.1.** Matul id-diskussjoni li saret dwar is-suġġett sopraċitat, fejn fost affarijiet oħra ntqal li għalkemm fil-lokalita' hemm spazji rikreattivi limitati, ċertu postijiet bħal il-*ground* ta' l-iskola jistgħu jiġu utilizzati għar-residenti wara l-ħinijiet skolastiċi.

Għalhekk, ġie deċiż li jinħatar Kumitat bis-Sindku bħala *Chairman* flimkien mal-Viċi-Sindku bħala l-persuna responsabbli mill-Edukazzjoni u preferibbilment mill-Kunsillier Victor Rutter jekk il-Partit Nazzjonalista jaqbel sabiex jesplora l-aħjar użu ta' dawn il-faċilitajiet u sussegwentament jibdew il-kuntatti ma' l-entitajiet konċernati kif ukoll, il-Kunsill għandu jħejji lista' ta' proposti sabiex jiġu ppreżentati lid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni.

## 8. Affarijiet Oħra

**8.1.** Il-Kunsill qabel unanimament li ma jinħarġux permessi għal xogħlijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-Avviż Legali 119/2002 fil-lokalita' bejn is-6 ta' Lulju u t-13 ta' Lulju 2009, minħabba l-festa tal-Madonna tal-Karmnu, li l-Kunsill ikun magħluq it-Tnejn 13 ta' Lulju 2009 kif ukoll, jitpoġġew sitt *bins on wheels* matul il-promenade.

**8.2.** ***Proposti tad-dawl fi żmien il-Milied***

Il-Viċi-Sindku talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex jinħatar Kumitat biex iressaq proposti dwar tiżjin ta' dawl fit-toroq fi żmien il-Festi tal-Milied u dan b'eżitu tal-fatt, li l-attivita' u t-tiżjin li sar fi Pjazza Meme' Scicluna ntlaqa' tajjeb ħafna mir-residenti.

Il-Kunsill approva din it-talba.

## 9. Laqgħa Oħra

**9.1.** Peress li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fis-7.30 p.m.

| | |
|---|---|
| Dott. Chris Bonett LL.D.<br>Sindku | Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M.<br>Segretarju Eżekuttiv |

Gżira Local Council

**Ref No: K189/119/09**

**25 June 2009 KLG5/31**

| **R/Sheet No:** | **Description** | **Value €** | **Chq No:** |
|---|---|---|---|
| **1222** | **M.I.C.S. invoice 207 Computer Courses** | **1100.00** | **5947** |
| **1223** | **Dr. Ed. Woods Legal Advisor April/May June 2009** | **494.76** | |
| **1224** | **Mr. Alfred Portelli Contract Manager April May June 2009** | **745.42** | |
| **1225** | **Kumitat Banda Mount Carmel Advert Fuljett tal-Festa** | **70.00** | |
| **1226** | **Kummissjoni Festi Advert Fuljett tal-Festa** | **70.00** | |
| **1227** | **Kappillan Parroċċa Madonna tal-Karmnu parti mill-ispejjeż tal-Festa** | **250.00** | |
| **1228** | **Gżira United Football Club – parti mill-spejjeż Sound & Light hire** | **413.00** | **6021** |
| **1229** | **Gżira United Football Club – parti mill-bnadar għaċ-ċelebrazzjonijiet** | **244.20** | **6020** |
| **1230** | **Road Maintenance Services Retention money re Housing Estate** | **830.81** | **5999** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1231** | **Aguis Marble Works – Bust Willie Apap** | **1129.00** | |
| **1232** | **Polidano Bros Ltd – 2 payment on a/c** | **22,459.32** | **5994** |
| **1233** | **E.L.C. inv.005256 maintenance of soft Areas May 2009** | **2,212.92** | |
| **1234** | **S. Rausi Trading inv.11104900 Drinking Water** | **38.96** | |
| **1235** | **J.F. Mallia Ltd invoice 175 – Job No: 55-57-58-59-60-61-63** | **395.17** | |
| **1236** | **GO plc invoice 22098169 Tel 334254/ 341034 Calls May Rent June 2009** | **65.19** | **5998** |
| **1237** | **GO plc invoice 22098179 Tel 341616 Calls May Rent June 2009** | **26.14** | **5996** |
| **1238** | **GO plc invoice 22098934 Tel 322157 Calls May Rent June 2009** | **204.19** | **5997** |
| **1239** | **Steve R. Farrugia invoice 91 Street Sweeping/g/cutting/m/wsweeper May 2009** | **4,627.28** | |
| **1240** | **Steve R. Farrugia invoice 92 Sunday Street Sweeping May 2009** | **378.52** | |
| **1241** | **Melita plc inv.26948922 television medium Act. Centre 01.06/30/06/09** | **13.94** | |
| **1242** | **Union Press Co. Ltd. Inv.43893 Advert Locality Call 06.05.09** | **41.20** | |
| **1243** | **I.T.S. inv.SIN090685 – Sage Pastel Consultancy Job No: JS011831** | **41.30** | |
| **1244** | **I.T.S. inv.SQU090156 Sage Pastel Partner Site Licence** | **175.82** | **6010** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1245** | **Guard & Warden GLC02/2009 Extra Service 09.06.09 Triq Reggie Miller** | **31.68** | **6023** |
| **1246** | **Best Wishes – Stationery invoice 2397714** | **91.48** | |
| **1247** | **Guard & Warden GLC03/2009 Extra Service 26.06.09 Triq Cameron k/ma' Triq il-Flotta** | **71.28** | |
| **1248** | **Silvio de Leonardo invoice No: 80 service of 3 airconditioners & repairs** | **125.00** | **6018** |
| **1249** | **Makaw Ironmongery invoice 16608 cement + others** | **60.57** | |
| **1250** | **Borg Hardware Store invoice Nos: 933-936** | **16.40** | |
| **1251** | **Squire Bookshop invoice 5249803 Newspapers for May 2009** | **36.25** | |
| **1252** | **Developing of 33 photos re Exhibition Activities Centre** | **155.76** | |
| **1253** | **Grezzju Azzopardi invoice 5973 flowers Funeral Claudia Theuma** | **20.00** | |
| **1254** | **Stardelta Hardward Store invoice 4941441-442-445-451-454** | **74.75** | |
| **1255** | **The Toolbox inv 8779-86-87-89-8803 8817-23-37** | **385.33** | |
| **1256** | **Melita plc inv.27035182 Hello Service 08.06.09 – 07.07.09** | **150.46** | |
| **1257** | **Koperattiva Tabelli u Sinjali inv.11230 job no; 8816 road markings** | **230.53** | |
| **1258** | **Matnick Joinery 6 Pine Doors + 1 Main Box Cover –Public Convenience** | **750.00** | |

| | | |
|---|---|---|
| **1259** | **Alfa Co. Ltd invoice 53681 copies & Rentals 13.04.09 – 12.05.09** | **116.78** |
| **1260** | **Makaw Ironmongery invoice 15677 Cut off Saw + Disc** | **262.14** |
| **1261** | **Mr. Joe Borg invoice 02 Duck Food for the month of June 2009** | **46.59** |
| **1262** | **Mr. Emanuel Mifsud inv.2397683 Door to Door Collection June 09** | **5,590.50** |
| **1263** | **Mr. Emanuel Mifsud inv.2397684 Hire of Skips June 2009** | **432.87** |
| **1264** | **Mr. Emanuel Mifsud inv.2397685 Bulky service – 171 Calls May 09** | **936.06** |
| **1265** | **Eco Pure Premium Water Co. Inv 037955 – water dispenser Mayor's office** | **165.00** |
| **1266** | **Mount Carmel Band Club Tħaffir ta' toqob għan-nar u kiri ta' generator** | **362.82** |
| **1267** | **Polidano Bros. Ltd. – invoice 000542 patching works at various streets** | **9,079.30** |